MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2012

Numru. 988/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**
**SPETTUR KEITH ARNAUD**
**VS**
**CHANTELLE CAMILLERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Chantelle Camilleri ta' 20 sena bint Marco Camilleri u Rita nee'Grech, imwielda l-Pieta nhar id-29 ta' Settembru 1988 u toqghod 37, David, Triq Nuzzo, Hamrun, detentrici ta' Karta ta' l-Identita 463688(M).

U akkuzata talli b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u cioe;

Talli fl-4 ta'April, 2009 ghall-habta tal-11.45pm, gewwa l-Fairplay Gaming Arcade fi Triq in-Naxxar, San Gwann, flimkien ma Bashir Abu Gasem Al-Hariri, Martin Cassar u persuna ohra:

1. Ikkommettiet serq ta'flus, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), u li sar ghad-dannu tas-socjeta Gaming Operations Ltd. u/jew ta' entitajiet u / jew persuni ohra;

2. Aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta'awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hatja, arrestat, zammet jew issekwestrat lil Richard Gauci, lil Charles Magri u xi persuna / i ohra kontra l-volonta' taghhom;

3. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kienet qedgha taghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta'serq kellha fuqha arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

Aktar talli fis-7 ta'April, 2009, ghall habta tas-1a.m., gewwa l-Fairplay Gaming Arcade fi Triq il-Wied, Birkirkara, flimkien ma Bashir Abu Gasem Al-Hariri, Martin Cassar u persuna ohra;

4. Ikkommettiet serq ta'flus, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha w ghorin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), u li sar ghad-detriment tas-socjeta Gaming Operations Ltd. u / jew ta' entitajiet u / jew persuni ohra;

5. Aktar, talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta'awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hatja, arrestat, zammet jew issekwestrat lil Leslie

Caruana, lil Rodlene Gaunt u diversi persuni ohra, kontra l-volonta' taghhom;

6. Aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kienet qedgha taghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta'serq kellha fuqha arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

Aktar talli fis-17 ta'April, 2009, ghall habta ta' 00.30a.m.., gewwa l-Ambassador Gaming Arcade formanti parti mis-Suncrest Hotel fi Triq il-Qawra, Qawra flimkien ma Bashir Abu Gasem Al-Hariri, Martin Cassar u persuna ohra;

7. Bil-hsieb li taghmel delitt ta'serq, uriet dan il-hsieb b'atti esterni w tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' taghha u li kieku gie esegwit kien ikun serq kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u bil-valur, li ma jaccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37);

Talli fis-19 ta'April, 2009, ghall habta tal-11p.m., gewwa l-Playline Gaming Arcade fi Triq il-Marsa, Marsa, flimkien ma Bashir Abu Gasem Al-Hariri, Martin Cassar u persuna ohra;

8. Ikkommettiet serq ta'flus, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), u li sar ghad-detriment ta'Clifton Borg u / jew ta'persuna /i u/jew entitajiet ohra;

9. Aktar, talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-Ligi ta'l-Awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hatja, arrestat, zammet jew issekwestrat lil Joseph Grech u lil Bjorn Falzon kontra l-volonta' taghhom;

10. Aktar, talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kienet qedgha delitt kontra l-persuna jew delitt ta'serq

kellha fuqha arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

Aktar talli fil-21 ta'April, 2009, ghall habta ta'10.15p.m., gewwa l-Fairplay Gaming Arcade fi Pjazza Antoine De Paule, Paola, flimkien ma Bashir Abu Gasem Al-Hariri, Martin Cassar u persuna ohra;

11. Ikkommettiet serq ta'flus, u tlett mobile phones, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), u li sar ghad-detriment tas-socjeta Gaming Operations Ltd., Jean Paul Vella, Edward Bugeja, Anna Zahra u/jew ta' entitajiet w/jew persuni ohra;

12. Aktar, talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta'l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hatja, arrestat, zammet jew issekwestrat lil Jean Paul Vella, Edward Bugeja u Anna Zahra kontra l-volonta' taghhom;

13. Aktar, talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kienet qedgha taghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta'serq kellha fuqha arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

14. Akkuzatha ukoll, talli matul ix-xahar ta'April, 2009, f'dawn il-Gzejjer, zammet f'xi fond jew kellha fil-pussess taghha, taht il-kontroll taghha jew garret barra minn xi fond, xi arma tan-nar, jew munizzjon, elenkati fl-iskeda II tal-Kapitolu 480 (Att Dwar l-Armi) minghajr ma kellha licenzja taht l-istess Att;

15. Finalment akkuzatha ukoll, talli matul ix-xahr ta'April, 2009, u wara l-istess xahar, f'dawn il-Gzejjer, saqet diversi vetturi, minghajr ma kienet koperta b'polza t'assigurazzjoni kontra r-riskji ta'terzi persuni u minghajr ma kienet koperta b'licenzja tas-sewqan relattiva;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali, taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputata;

Rat il-verbal tal-20 t'Ottubru 2011 fejn l-imputata ma kellhiex ogezzjoni li tigi gudikata minn din il-Qorti;

Semghet l-amissjoni tal-imputata ghall-akkuzi kollha dedotti kontra taghha;

Semghet il-konferma tal-istess amissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal-ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi fuq l-istess amissjoni taghha il-Qorti issib l-imputata Chantelle Camilleri hatja skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 261(a) (b) (c) (f), 262, 263, 267, 270, 275, 277 (b) , 279 (b) ,280 (2), 86,17, 18, 28A, 28G, 41(1) (a) tal Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.  Artikolu 5 (1), 55 (a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta , Artikolu 15 (1) (a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta'Malta, Artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta'Malta, tikkundanna lill-imputata ghal-sentejn (2) prigunerija sospiza ghall-erba'(4) snin.  In oltre tqieghed lill-imputata taht *Supervision Suspended Order* ghall-perjodu ta' tlett (3) snin taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-*Probation Services* jew *Probation Officer* iehor minnu nominat.  Il-Qorti tigbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-*Probation Services* illi, *Probation Officer* Maryrose Farrugia kienet giet nominata ghall-imputata fil-passat.

Il-Qorti spjegat fit-tul u fi kliem semplici, l-konsegwenzi ta' sentenza sospiza u *Supervision Suspended Order* lill-imputata.

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputata, il-gravita tal-

akkuzi li bihom tinstab mixlija, l-eta govanili tal-imputata, l-Fedina Penali taghha u l-fatt illi l-imputata ghandha tarbija bi bzonnijiet specjali.

Il-Qorti tordna kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-*Probation Services*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------